MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 71/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Brian Bartolo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Brian Bartolo talli:

(1) fis- 17 ta’ Ottubru 2008 ghall-habta tad-9.00 p.m. u diversi hinijiet qabel fi Triq il-Karmnu, Fgura volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe` ghamel hsara fuq bieb ta’ barra tar- residenza li ggib l-isem 55 San Guzepp, liema hsara hija ta’ inqas minn €116.47 u aktar minn €23.29, u fuq nuccali tal-vista, liema hsara hija ta’ aktar

minn €116.47 izda inqas minn €1165.69, ilkoll ghad-detriment ta’ Saviour Tabone mill-Fgura;

(2) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi m’obdiex l-ordnijiet legittimi tal- awtorita` jew ta’ uhud inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel lil dawn, cioe` lil membri tal-Korp tal- Pulizija, lil P.C. 864 D. Cassar u P.C. 1529 E. Barbara waqt li kienu qeghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom u billi ma hallihomx jaghmlu dak li bil-ligi kienu ordnati li jaghmlu jew jistghu jaghmlu, u billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skond il-ligi b’mod li jkun;

(3) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ghamel ingurji u theddid lill- imsemmija ufficjali kif ukoll ghamel offiza fuq il-persuna ta’ P.C. 1259 E. Barbara, u kkagunalu ferita ta’ natura hafifa skond ma ccertifika Dr. Jesmond Cassar Reg. 1906 mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid, ilkoll persuni nkarigati minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew ghamlu dan is- servizz bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

(4) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis- sahha fuq il-persuna ta’ Marisa Tabone mill-Fgura u kkagunalha ferita ta’ natura hafifa skond ma ccertifika Dr. Renzo Degabriele mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid;

(5) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Marisa Tabone mill-Fgura biza’ li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taghha, jew kontra l-persuna jew proprjeta` ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet;

(6) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis- sahha fuq il-persuna ta’ Carmen Tabone u kkagunalha ferita ta’ natura hafifa skond ma ccertifika Dr. Renzo Degabriele mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid;

(7) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ghamel lil Saviour Tabone, Marisa Tabone, Carmen Tabone, Josephine Caruana u Tony Caruana ilkoll mill-Fgura ingurji jew theddid mhux imsemmi band’ohra fil-Kodici Kriminali;

(8) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, b’xi mod iehor mhux imsemmi band’ ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku;

(9) b’hekk kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta mill-Qorti tal-Magistrati Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta` ta’ Saviour Tabone, Marisa Tabone, Carmen Tabone u Josephine Caruana skond il-provvedimenti ta’ l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ Frar 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 95, 221, 222(1)(a)(c), 325(1)(b)(c), 339(1)(d), 338(dd) u (ee) u 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijet ta’ Malta, kif ukoll l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Brian Bartolo hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu sitt xhur prigunerija ghall-imputazzjonijiet numri (1) sa (8) filwaqt li dwar il-ksur ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 ittrattat mieghu mill-gdid u kkundannatu tliet xhur prigunerija, b’kollox ghalhekk disa’ xhur prigunerija. Inoltre dik il-Qorti ordnat il-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni favur Marisa Tabone, Carmen Tabone u Saviour Tabone ghal perijodu ta’ tliet snin skond l-artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Brian Bartolo pprezentat fil-5 ta’ Marzu, 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi thassarha, tirrevokaha u kwindi minnha tilliberah u, minghajr pregudizzju, f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax, tirriformaha fir-rigward tal-piena nflitta u tinfliggi piena aktar idoneja u anqas harxa u li tirrispekkja l-kaz in ezami;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi. Difatti l-appellant isostni li ma kienx hu li pprovoka l-incident u li kien hu l-vittma ta’ l-incident. Jghid li hu sofra diversi griehi u waqt il-prezentata kienet il-Qorti stess li ordnat sabiex jigi ezaminat minn tabib. Jghid li hu ma attakkax lill-pulizija deliberatament izda waqt il-kommozzjoni tilef il-bilanc u waqa’ ma’ l-art flimkien mal-kuntistabbli Barbara. Isostni li qatt ma kellu njama f’idu u kien missier Marisa Tabone li hareg b’injama mdaqqsa. Kienu l-genituri ta’ Marisa Tabone li pprovokaw l-incident biex jipperikolaw il-*probation order* li kien inghata precedentement l-appellant. Jghid illi kull ma ried dakinhar kien li juri lil bintu minuri lil zijuh li kien ghadu kemm wasal minn barra.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha li ngabu quddiem l-ewwel Qorti li kellha l-opportunita` li tara u tisma’ x-xhieda. Bhall-ewwel Qorti, din il-Qorti hi tal-fehma li l-incident gie pprovokat kollu kemm hu mill-ostinatezza ta’ l-appellant innifsu. L-access ghat-tifla minuri, frott relazzjoni li kellu ma’ Marisa Tabone, hu regolat b’kuntratt tat-12 ta’ Ottubru 2007 fl-atti tan-Nutar Dr. Sylvana Borg Caruana. Skond l-imsemmi kuntratt, l-appellant kellu access ghat-tifla kull nhar ta’ Tnejn, l-Erbgha u l-Gimgha mill-4.00 p.m. sas-7.00 p.m. u kull nhar ta’ Hadd mill-10.00 a.m. sas-1.00 p.m. “jew f’dawk il-hinijiet differenti li jistghu jaqblu fuqhom il-partijiet minn zmien ghal zmien.” Fis-17 ta’ Ottubru 2008, li kien jahbat il-Gimgha, l-appellant ma marx ghat-tifla peress illi mar l-ajruport biex jigbor lil zijuh li kien gie mill-Awstralja. Izda minn hemm baqa’ sejjer il-Fgura ghat-tifla. Il-hin kien wara t-8.30 p.m. Lil Marisa Tabone ma kien nfurmaha b’xejn. Mela hija kellha kull dritt li tirrifjuta li ttieh it-tifla dak il-hin tal-lejl. L-appellant da parti tieghu ma kellu l-ebda dritt jibqa’ jinsisti illi jehodha bl-iskuza ta’ zijuh. Wara kollox jekk zijuh kien

ghadu kemm wasal mill-Awstralja, kien se jkollu zmien bizzejjed biex jara lit-tifla ta' l-appellant. Minflok, l-appellant holoq pandemonju shih. Wegga' lil Marisa Tabone. Meta hargu membri tal-familja taghha, aktar irvella. Iz-ziju ta' l-appellant intervjena biex izomm lill-appellant. Meta l-genituri ta' Marisa Tabone dahlu lura d-dar, l-appellant kisser il-hgiega ta' l-aluminium tal-bieb tad-dar tal-genituri ta' Marisa Tabone. L-appellant jipprova jargumenta li hu ma ghamel xejn hlief li zvoga fil-bieb imsemmi. Peress illi hin minnhom missier Marisa Tabone, Saviour Tabone, hareg b'injama, jipprova jpingi lilu nnifsu bhala l-vittma. Mill-provi verament jirrizulta li hin minnhom Saviour Tabone hareg b'injama, izda dan kien wara li l-appellant kien attakka lil Marisa Tabone, wara li kien insulenta jew hedded lil diversi membri tal-familja Tabone, wara li kien kisser il-hgiega tal-bieb u wara wkoll li kien aggredixxa lil Saviour Tabone u kissirlu n-nuccali. Barra minn hekk ma jirrizultax illi Saviour Tabone uza l-injama fuq l-appellant peress illi hadithielu minn idejh Marisa Tabone.

Meta waslu fuq il-post il-Pulizija, l-appellant sahansitra beda jinsulentahom u ma obdiex l-ordnijiet li bdew ituh biex jiddezisti mill-agir tieghu. P.C. 1529 Manuel Barbara beda jzomm lill-appellant "biex ma jhebbx ghalija. Dan ma nafx ghal liema raguni waqa' u waqt li kien niezel laghabli daqqa go sieqi mhux hazin". Mistoqsi jekk l-appellant laghblux bis-sieq apposta, P.C. Barbara qal li ma jistax jghid. Izda meta mbaghad gie mistoqsi kemm-il daqqa ha go saqajh jew tah, P.C. Barbara qal li tnejn zgur, wahda go l-irkobba u wahda go l-ghaksa. Mistoqsi jekk rahx ifajjar saqajh, P.C. Barbara wiegeb: "Dan zgur li rajtu. Jien kont hdejh ezatt." Ghal din il-Qorti huwa evidenti li meta l-appellant fajjar b'saqajh m'ghamilx hekk biex ma jaqax izda biex iwegga' lil P.C. Barbara.

Din il-Qorti temmen illi l-membri tal-familja Tabone ma baqghux biss sokkombenti. M'hemmx dubju li ppartecipaw fl-ghajjat. Pero`, jekk b'xi mod infliggew xi offizi hfief fuq l-appellant, dan kien filwaqt illi kienu qeghdin jippruvaw jirripellaw l-aggressjoni tieghu. Il-Qorti qed tghid "jekk", peress illi jidher li l-appellant waqa' ma' l-art almenu darba

meta kien qieghed jipprova jinheles minn P.C. Barbara. Marisa Tabone tghid illi meta beda jigbidha minn xagharha, l-appellant beda wkoll jaghti b'idu mal-hajt. Saviour Tabone wkoll jghid li meta laqatlu n-nuccali, l-appellant waqa' bih b'kollox.

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-provi, u ghalhekk kienet korretta fis-sejbien ta' htija ta' l-appellant ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

L-appellant jilmenta dwar il-piena. Pero` m'ghandux ragun. Meta jitqies li l-piena dwar l-ewwel imputazzjoni biss hi dik ta' prigunerija minn hames xhur sa sena, allura l-piena ta' sitt xhur ghar-reati kollha kommessi fis-17 ta' Ottubru 2008 hi taht il-*minimum*. Hadd mill-partijiet lezi, lanqas Marisa Tabone, ma rrinunzja ghall-azzjoni kriminali. Jekk ihobb lit-tfal tant, ghandu jhares l-ewwel u qabel kollox l-interessi taghhom u mhux l-interessi tieghu. Ghalhekk m'hemmx lok illi jkun hemm tnaqqis mill-piena ta' sitt xhur.

L-ewwel Qorti ttrattat mill-gdid ma' l-appellant ghar-reati li dwarhom kien instab hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Gunju 2007 fejn kien gie liberat kondizzjonatament ghal perijodu ta' tliet snin. Dwar dawk ir-reati gie kkundannat tliet xhur prigunerija. L-ewwel Qorti ghalhekk ikkundannat lill-appellant ghal piena komplessiva ta' tliet xhur. Izda galadarba l-ewwel Qorti kienet qed tittratta ma' l-appellant mill-gdid, dik il-Qorti ma setghetx semplicement izzid il-piena (ta' tliet xhur) ghar-reati li dwarhom kien instab hati fil-25 ta' Gunju 2007 mal-piena (ta' sitt xhur) ghar-reati kommessi fis-17 ta' Ottubru 2008, izda kellha tapplika wkoll fir-rigward ta' dik il-piena l-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement irid ikun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal

prigunerija ghal perijodu komplessiv ta’ disa’ xhur u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta’ seba’ xhur u hmistax-il gurnata. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b’dan li l-perijodu ta’ tliet snin li ghandu jibqa’ fis-sehh l-Ordni ta’ Protezzjoni jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------